Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

**Appell Nru: 250/2020**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Deborah Gaffiero**

Illum 15 ta' April, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Deborah Gaffiero detentrici tal-karta ta' l-identita Numru 2574M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli nhar il-21 t'April 2019 fil-Gzejjer Maltin irrifjutat li taghti access lill- wild taht il-kustodja taghha lil Andrea Stellato, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa (Kap9, Artikolu 338 (ll));

Rat is-sentenza tal-istess Qorti li biha sabet lil imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontriha u kkundannatha ghall-hlas t'ammenda ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Deborah Gaffiero, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2020, li permezz tieghu talbet lil din l-Onorabbli Qorti **tirrevoka** s-sentenza u tilliberaha minn kull htija u piena;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegata inadempjenza tal-imputata konsistenti filli naqset milli tiehu lil binha fir-residenza tal-kwerelant fil-hin li hu awtorizzat ikollu access ghal ibnu kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). L-appellanta tillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li l-fatti lilha imputati kienu preskritti u ghalhekk kellha tkun illiberata;

2. Illi l-fatt imputat kontra l-appellanta huwa dak ipotizzat fl-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali li huwa wiehed mill-kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku. Issa, l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi l-azzjoni hija preskritta bit-trapass ta' tlett xhur fil-kaz tal-kontravvenzjonijiet. Dak li allura l-Qorti trid tezamina mill-atti processwali f'dan il-kaz partikolari hu jekk bejn il-fatt allegat u l-ewwel dehra taghha quddiem il-Qorti u n-notifika dwarha kienux lahqu ghaddew it-tlett xhur;

3. Mill-atti processwali jemergi illi l-fatt imputat allegatament sehh f'data partikolari, igifieri fil-21 ta' April, 2019 u dan kif jidher fic-citazzjoni li ma tidher l-ebda data tal-hrug taghha, sakemm din mhix inkorporata fin-numru 1202 MAC-00206-2019-1 u dan sabiex l-imputata tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' Settembru, 2019 fid-9 am. Mill-verbal tal-udjenza ta' dik id-data jirrizulta illi l-imputata deheret ghaliha debitament assistita u ma kienet sollevata l-ebda eccezzjoni. L-imputata deheret ghal kull seduta sussegwenti sa ma l-ewwel Qorti prolatat is-sentenza taghha;

4. L-appellanta, izda, issa qed tinvoka l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-allegazzjoni illi hija qatt ma kienet notifikata ghall-ewwel seduta. Ezaminati l-atti processwali jirrizulta illi l-appellanta kienet prezenti ghall-ewwel appuntament fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif indikata fic-citazzjoni, igifieri dik tat-23 ta' Settembru, 2019. Il-lanjanza tal-appellanta hi msejsa fuq il-fatt illi fl-atti processwali ma hemmx il-prova dokumentarja tan-notifika taghha;

5. Il-preskrizzjoni, ossia l-eccezzjoni taghha, tista' tkun sollevata fi kwalunkwe stadju tal-proceduri. F'dan il-kaz, l-imputata ma kienitx eccepiet it-trapass ta' zmien quddiem l-ewwel Qorti izda ghazlet li taghmel dan quddiem din il-Qorti per via ta' gravami ta' appell. Issa, kif gia senjalat, l-allegat rejat sehh fil-21 t'April, 2019 u l-ewwel seduta kienet appuntata mhux fi zmien tlett xhur izda aktar, cioe' ghat-23

ta' Settembru, 2019. Gara izda, illi l-prosekuzzjoni harget notifiki lill-partijiet ghal-seduta tat-30 ta' Mejju 2019 evidentement sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk il-Qorti ma kellha ebda seduta skedata ghal dak il-jum. Ghal dik is-seduta fantazma, l-imputata ma kienitx notifikata fl-ewwel tentattiv u dan kif turi r-riferta a fol 5 stante li ma kien fetah hadd. Fit-termini tar-Regolament 8 tal-Avviz Legali 335 tal-2014, sabiex l-imputata tkun validament notifikata kellu jsir it-tieni tentattiv ghan-notifika sabiex imbaghad jew tithalla fl-indirizz jew titwahhal mal-bieb tar-residenza taghha;

6. Illi, dan id-dokument li jipprova li kien sar l-ewwel tentattiv bla ezitu huwa nieqes mill-atti processwali kif wara kollox osservat mhux biss mill-appellanta izda ukoll mill-Avukat Generali. Meta allura sehhet l-ewwel seduta kienu gia ghaddew it-tlett xhur mid-data tal-allegat rejat u l-adezjoni mar-regolament, inkluz il-publikazzjoni f'gazzetta lokali skond l-AL 335/2014 ghas-seduta tat-23 ta' Settembru, 2019 kien kollu inutili la darba ma kienitx interrotta l-preskrizzjoni mid-data tal-allegat rejat;

7. Konsegwentement l-appellanta ghandha ragun u l-azzjoni hija preskritta bi trapass ta' tlett xhur;

8. Ghalhekk l-appell qed ikun akkolt u konsegwentement qed thassar is-sentenza appellata, ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha.